



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2021
(OR. en)

9630/21
PV CONS 13
JAI 697
COMIX 318

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
7 u 8 ta' Ġunju 2021

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni ta' punti "A"	4
	a) Lista mhux leġislattiva	
	b) Lista leġislattiva	

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Regolament dwar iċ-Ċessjonijiet tal-Pretensjonijiet	5
4.	Regolament dwar is-sistema e-CODEX u li jemenda r-Regolament	5
5.	Regolament li jemenda r-Regolament 168/2007 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali	5
6.	Affarijiet oħra	5
	Proposti leġislattivi attwali	

Attivitajiet mhux leġislattivi

7.	Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali online fil-kuntest tal-proposta dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali	6
8.	Adezzjoni tal-UE għall-KEDB.....	6
9.	Konklużjonijiet dwar il-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli madwar l-Unjoni Ewropea	6
10.	Negożjati dwar l-evidenza elettronika	6
	a) Negożjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika	
	b) Negożjati dwar it-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest	
11.	Stabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	6
12.	Elementi ewlenin għas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali	6
13.	Affarijiet oħra	
	a) Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021-2024).....	6
	b) Il-liġi kriminali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali: konnessjonijiet bejn il-kontrafazzjoni u l-kriminalità organizzata.....	6
	c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni	6
	d) Djalogu msaħħaħ bejn l-UE u l-Afrika ta' Fuq dwar il-ĠAI	
	e) Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġustizzja elettronika, 26-27 ta' April 2021	
	f) Segwitu għas-sentenza Schrems II	6
	g) Aspetti ġudizzjarji tal-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 u l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra t-Traffikar ta' Bnedmin 2021-2025..	6
	h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	6

AFFARIJJIET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġislattivi

14. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 dwar il-Europol..... 7
15. Direttiva dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi 7

Affarijiet oħra

16. a) Proposti leġislattivi attwali 7
- b) Regolament tal-UE dwar l-Ażil 7
- c) Direttiva dwar il-Karta Blu 7

Attivitajiet mhux leġislattivi

17. Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil: is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem 8
18. Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jitrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu¹ 8
19. COVID-19 u l-ġlieda kontra l-kriminalità: sena wara 8
20. Intelliġenza Artifiċjali: prospetti tas-sigurtà interna 8
21. Komunikazzjoni dwar Strateġija ta' Schengen 8
22. Implimentazzjoni tal-interoperabilità: is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar 8
23. Affarijiet oħra 8
- a) Implimentazzjoni tar-Regolament 2.0 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
- b) Djalogu msaħħaħ bejn l-UE u l-Afrika ta' Fuq dwar il-ĠAI
- c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
- d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
- ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 9

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

ĠUSTIZZJA

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9384/21.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9386/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9386/21 inkluż id-dokumenti COR u REV proposti għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9387/21

Affarijiet Ġenerali

1. **Pakkett leġiżlattiv għall-politika ta' koeżjoni 2021-2027: Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)**  9088/21 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 5/21
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-02.06.2021 FSTR

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni Ungeriża tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 175(3) u 322(1)(a) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi**  8847/21
Adozzjoni 7922/21 + COR 1
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-02.06.2021 COH
POSEIDOM

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7922/21 + COR 1 + COR 2 (fr). (Bażi legali: l-Artikolu 349 TFUE).

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar iċ-Ċessjonijiet tal-Pretensjonijiet**  9050/21
Approċċ ġenerali²

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali għall-proposta ta' hawn fuq. Il-Belġju ppreżenta dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

4. **Regolament dwar is-sistema e-CODEX u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726**  9005/21
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali għall-proposta ta' hawn fuq. Franza u l-Estonja ppreżentaw dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

5. **Regolament li jemenda r-Regolament 168/2007 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**  8686/21
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill ikkonferma l-approċċ ġenerali għall-abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament FRA, kif jinsab fid-dokument 8686/21.

6. **Affarijiet oħra** 9194/21
Proposti leġiżlattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Ministri ħadu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' fajls leġiżlattivi differenti.

² Meta jadotta Approċċ ġenerali wara li l-Parlament Ewropew ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Kunsill ma jkunx qiegħed jaġixxi skont it-tifsira tal-Artikolu 294(4) u (5) TFUE.

Attivitajiet mhux leġislattivi

7.	Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali online fil-kuntest tal-proposta dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>	9048/21
8.	Adeżjoni tal-UE għall-KEDB <i>Sitwazzjoni attwali</i>	8662/21
9.	Konklużjonijiet dwar il-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli madwar l-Unjoni Ewropea <i>Approvazzjoni</i>	8636/21
10.	Negożjati dwar l-evidenza elettronika a) Negożjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika <i>Sitwazzjoni attwali</i> b) Negożjati dwar it-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest <i>Sitwazzjoni attwali</i>	9095/21
11.	Stabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) <i>Sitwazzjoni attwali</i>	9030/21
12.	Elementi ewlenin għas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali <i>Skambju ta' fehmiet</i>	9091/21
13.	Affarijiet oħra a) Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021-2024) <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> b) Il-liġi kriminali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-propjeta' intellettuali: konnessjonijiet bejn il-kontraffazzjoni u l-kriminalità organizzata <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> d) Djalogu msaħħaħ bejn l-UE u l-Afrika ta' Fuq dwar il-ĠAI <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> e) Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġustizzja elettronika, 26-27 ta' April 2021 <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> f) Segwitu għas-sentenza Schrems II <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> g) Aspetti ġudizzjarji tal-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 u l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra t-Traffikar ta' Bnedmin 2021-2025 <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss <i>Preżentazzjoni mis-Slovenja</i>	7453/21 9287/21 9372/21

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 14. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 dwar il-  9158/21
Europol**

Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tal-progress li sar fir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Europol u tal-intenzjonijiet tal-Presidenza li fuq dik il-bażi tfittex mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-aħħar ta' Ġunju.

- 15. Direttiva dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi  8969/21**
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar il-progress li sar fin-negozjati dwar id-Direttiva dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi.

- 16. Affarijiet oħra**

- a) Proposti leġiżlattivi attwali 9194/21**
Informazzjoni mill-Presidenza
- b) Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil  9194/21**
Informazzjoni mill-Presidenza
- c) Direttiva dwar il-Karta Blu  9194/21**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposti leġiżlattivi attwali. Hija enfasizzat il-ftehim interistituzzjonali li kienet laħqet dwar id-Direttiva dwar il-Karta Blu u l-isforzi li kienet qed tagħmel bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|-----|---|---|
| 17. | Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil: is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem
<i>Rapport ta' progress</i> | 9178/21 |
| 18. | Aġġornament mill-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) dwar kooperazzjoni ulterjuri bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu ³
<i>Skambju ta' fehmiet</i> |  |
| 19. | COVID-19 u l-ġlieda kontra l-kriminalità: sena wara
<i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> | 8997/21 |
| 20. | Intelliġenza Artifiċjali: prospetti tas-sigurtà interna
<i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet</i> | 9096/21 |
| 21. | Komunikazzjoni dwar Strateġija ta' Schengen
<i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i>
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 9441/21 |
| 22. | Implimentazzjoni tal-interoperabilità: is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 9085/21 |
| 23. | Affarijiet oħra <ul style="list-style-type: none"> a) Implimentazzjoni tar-Regolament 2.0 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> b) Djalogu msaħħaħ bejn l-UE u l-Afrika ta' Fuq dwar il-ĠAI
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> c) Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
<i>Preżentazzjoni mis-Slovenja</i> | |

o
o o

-
- | | |
|---|---|
|  | L-ewwel qari |
|  | Proċedura leġiżlattiva speċjali |
|  | Punt ristrett |
|  | Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni |
-

³ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9384/21

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar iċ-Ċessjonijiet tal-Pretensjonijiet**
nru 3: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

"Il-Belġju b'mod ġenerali jappoġġa l-oġettivi tar-Regolament propost u jaċċetta t-test ippreżentat għal approċċ ġenerali. Madankollu, il-Belġju jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza tal-proposta, li jista' jwassal għal diffikultajiet fl-applikazzjoni. Il-Belġju jiddispjaċih ukoll dwar is-soluzzjoni adottata rigward iċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet garantiti minn dritt ta' titolu fuq proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli soġġetta għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku. Il-Belġju kien jippreferi l-esklużjoni ta' kunflitti ta' prijorità dwar dawn il-pretensjonijiet garantiti, li kienu jkunu aktar ċari u sempliċi biex jiġu applikati. Nittamaw li dawn l-elementi jistgħu jittejbu matul in-negozjati interistituzzjonali futuri mal-Parlament Ewropew u li jkunu soġġetti għal attenzjoni partikolari matul ir-rieżami tal-istrument previst fl-Artikolu 13."

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar is-sistema e-CODEX u li jemenda r-Regolament**
nru 4: **(UE) 2018/1726**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA U FRANZA

"L-Estonja u Franza jilqgħu l-oġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test tal-approċċ ġenerali mħejji mill-Presidenza Portugiża.

Fir-rigward tal-post tal-e-CODEX, id-delegazzjoni Estonjana u dik Françiża jipproponu li l-e-Codex tiġi ttrattata kompletament f'Tallinn, u li r-Regolament eu-LISA (2018/1726) jiġi emendat kif ġej matul il-fażijiet tan-negozjati li jmiss:

- Fl-Artikolu 17(3), għandu jiżdied dan li ġej: 'Il-kompiti relatati mal-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-Codex imsemmija fl-Artikoli 1(4a) u 8b għandhom jitwettqu f'Tallinn, l-Estonja, fejn huwa installat it-tagħmir meħtieġ għal dawn il-kompiti.'
- Bħala konsegwenza, sabiex tiġi evitata kontradizzjoni bejn is-subparagrafi tal-Artikolu 17(3), ir-referenza għall-Artikolu 1(4a) għandha tiżdied fl-Artikolu 1(5) (bidliet b'tipa grassa u b'tipa ingassata): '*L-Aġenzija tista' ssir ukoll responsabbli għat-tħejjija, għall-iżvilupp jew għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 3, u 4 u 4a ta' dan l-Artikolu, inklużi s-sistemi eżistenti, unikament jekk dan ikun previst mill-atti legali tal-Unjoni rilevanti li jirregolaw dawk is-sistemi, abbażi tal-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq, l-iżviluppi fir-riċerka msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u r-riżultati tal-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett imsemmija fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.*'"

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9387/21

Dwar il-punt "A" **Pakkett leġislattiv għall-politika ta' koeżjoni 2021-2027:**
nru 1: **Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tifhem li r-rappurtar dwar l-indikaturi komuni fl-Annessi I u II għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus u fl-Anness III għar-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta permezz tal-użu tal-kategorija "persuna mhux binarja", bħala mhux obligatorju. Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex l-intenzjoni li tiġbor data rilevanti u tirrapporta dwarha, peress li din il-kategorija ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Il-proċedura lejn l-adozzjoni tar-regolamenti dwar il-Politika ta' Koeżjoni laħqet pass importanti ieħor. L-Ungerija tqis li jenħtieġ li ttenni d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha dwar ir-rappreżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ġeneru f'dawn ir-regolamenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fi ħdan il-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-sess, f'konformità mal-Artikolu 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Ungerija hija konvinta li l-kontenut tal-ġeneru mhuwiex adatt biex jiġi definit f'dawn id-dokumenti leġislattivi.

F'konformità ma' dan u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa" fir-Regolamenti. Fir-rigward tal-analiżi tad-data, l-Ungerija temmen li n-nota 2 f'qiegħ il-paġna fl-Anness III tar-Regolament JTF (kif ukoll l-ewwel linja tal-Anness I u l-Anness II rispettivament tar-Regolament FSE+) jenħtieġ li tiġi applikata u tirreferi għat-terminu "ġeneru" u l-parentesi fl-intier tagħha u mhux biss waħda mis-subkategoriji elenkati hemmhekk.

B'kont meħud tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-premessi, l-artikoli, l-annessi u n-noti f'qiegħ il-paġna rilevanti għandhom jinftiehm u bħala li jirreferu għat-terminu ġeneru interpretat f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE."
